MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 1191/2011

**Bieb Bieb Enterprises Limited (C25882)**

**VS**

**Ministeru tal-Edukazzjoni, Xoghol u l-Familja**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors tas-socjeta rikorrenti tal-1 ta' Dicembru 2011 li jaqra hekk:

1. *Billi s-socjeta' rikorrenti hija publishing company kif ukoll importatrici u bejjiegha tal-kotba, u tezercita l-imsemmi negozju taht l-isem kummercjali "Wise Owl Publications";*

2. *Billi s-socjeta' rikorrenti hadet sehem go Fiera tal-kotba li kellha tinzamm bejn it-18 ta' Novembru 2010 u s-26 ta' Novembru 2010 gewwa l-iSkola Sekondarja tas-Subien fil-Kullegg San Gorg Preca, Triq Wenzu Mallia, Hamrun.*

3. *Billi din il-fiera giet organizzata mill-iskola imsemmija stess, u li ghaliha s-socjeta' rikorrenti ippartecipat permezz ta' eluf ta' kotba edukattivi li kienu esposti ghall-bejgh gol-librerija tal-imsemmija skola;*

4. *Billi sehh nar katastrofiku gewwa l-istess Librerija bejn il-lejl tat-23 ta' Novembru 2010 u l-24 ta' Novembru 2010 fejn kienu ezebiti l-kotba tas-societa' rikorrenti u li b'rizultat tieghu inharqu kemm il-kotba kollha ezebiti mir-rikorrenti, oltre mijiet ta' kotba ohra li kienu jinstabu fl-istess librerija proprjeta' tas-socjeta' rikorrenti, kif ukoll il-cash register proprjeta' taghha tad-ditta Casio li kienet hadet fl-iskola imsemmija sabiex tintuza waqt il-fiera;*

5. *Billi s-socjeta' rikorrenti soffriet danni reali kagun tal-imsemmi nar li hakem il-Kullegg San Gorg Preca, liema danni ma jeccedux is- somma ta'* ***ghoxrin elf Ewro (€20,000)*** *rapprezentanti l-valur ta' eluf ta' kotba kif ukoll il-valur tal-cash register tad-ditta Casio;*

6. *Billi l-konvenuta hija unikament responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta' rikorrenti;*

7. *Billi s-socjeta' rikorrenti sofriet danni ulterjuri naxxenti mill-fatt illi kellha thassar il-partecipazzjoni gewwa fiera ohra li kienet ser tinzamm fl-Iskola Sekondarja tar-Rabat, Ghawdex, fl-4 ta' Dicembru 2010, li wassal ghal-telf ta' qliegh pekunjarju reali ulterjuri;*

8. *U billi interpellata sabiex tersaq ghall-hlas tad-danni hekk kkawzati sahansitra permezz ta' Protest Gudizzjarju intavolat kontra taghha, l-konvenuta baqghet inadempjenti minghajr l-ebda raguni valida fil-ligi.*

*Tghid il-konvenuta ghaliex m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi:-*

*[i] tiddikjara lill-konvenuta responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-attrici tul il-lejl ta' bejn it-23 ta' Novembru 2010 u l-24 ta' Novembru 2010, u ghad- danni kollha konsegwenzjali sofferti mis-socjeta' attrici;*

*[ii] tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici prevja okkorrendo bl-opera ta' periti u esperti nominandi;*

*[iii] tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici, in linea ta' danni, dik is-somma illi tigi hekk likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti.*

*Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-protest gudizzjarju ipprezentat kontra l-konvenuta illi hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni. Bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta' dan l-att sad-data tal-pagament effettiv.”*

Rat li l-atti tar-rikors guramentat, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-intimat skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat tas-16 ta’ Jannar 2012 (a fol.23 et seq.) li taqra hekk:

*"Illi fl-ewwel lok huwa m'huwiex il-legittimu kuntradittur stante illi ai termini tal artikolu 181B(1) tal-Kap. 12 huwa l-Kap tad-Dipartiment koncernat li kellu jigi mharrek biex iwiegeb ghal din l-azzjoni.*

*Illi inoltre u bla pregudizzju ghas-suespost, in-nar li sehh bejn it-23 u l-24 ta' Novembru 2010 fil-Liceo tas-subien li jinsab fi Triq Wenzu Mallia gewwa l-Hamrun ma kienx jahti ghalih l-esponent, u sehh f'cirkostanzi li l-esponent ma kellu ebda kontroll fuqhom. Ghaldaqstant l-esponent m'huwa responsabbli ghal ebda danni galadarba dak li sehh ma kienx dovut ghal xi htija, negligenza jew imperizja da parti tieghu jew tan-nies impjegati minnu.*

*Illi inoltre u bla pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti trid iggib prova definita illi verament kien hemm esibiti il-kotba kollha li qeghda tallega li nharqu.*

*Illi inoltre u bla pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti ma tistax titlob danni minhabba xi qligh incert li allegatament setghet ghamlet fil-futur, f'dan il-kaz fl- iSkola Sekondarja tar-Rabat, Ghawdex. Kwalunkwe talba li titressaq quddiem il-Qorti trid tirrigwarda fatti konkreti li jistghu jigu sufficjentement accertati, inkella ghandha titqies bhala allegazzjoni bla bazi.*

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrent."*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-verbal tal-10 t'April 2014, fejn innominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Michael Camilleri (a fol. 543);

Rat in-nota ta' sottomissjoni tas-socjeta' rikorrenti tat-2 ta' Dicembru 2014 (a fol.759 et seq.)

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet risponsiva tal-Ministru intimat tat-8 ta' Jannar 2015 (a fol. 775 et seq.);

Rat id-dokumenti ezibiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

Mill-provi tas-socjeta' attrici, senjatament x-xhieda tad-direttrici tas-socjeta' attrici Nathalie Anne Vella Portelli – (Vide fol. 38 et seq) jirrizulta illi s-socjeta' taghha, Bieb Bieb Enterprises kienet tippubblika u tbiegh kotba taht l-isem kummercjali Wise Owl Publications u tippartecipa f'fieri ta' kotba madwar Malta u Ghawdex.

Illi fit-18 ta' Novembru 2010 u fil-26 ta' Novembru 2010, s-socjeta' attrici hadet sehem f'fiera ta' kotba fl-iskola Sekondarja – Kullegg San Gorg Preca Hamrun u ezebew eluf ta' kotba edukattivi kif jidher mir-ritratti NVP1 sa NVP6 – Vide fol 42 sa 47 inkluz kotba stivati f'diversi kaxxex li jidhru fl-istess ritratti. Kien ingab ukoll mis-socjeta' attrici *cash register* fl-istess librerija.

Illi fil-24 ta' Novembru 2010, Mark Anthony Vella (zewgha) gie informat li kienu sehhew nirien fl-iskola u inharaq l-*istock* tal-kotba kollha inkluz *cash register* li kienet ghadha gdida –

Vide Dok. BB6 a fol. 17. Gew ezebiti ritratt Dok NVP7 sa NVP14 tal-kotba mahruqa – vide fol 48 sa 55. Giet ezebita ukoll r-rivista ta’ Times of Malta tal-25 ta’ Novembru 2010.

Huwa xehed illi l-kotba li kellu fil-fiera kienu dawk li jidhru f’Dok BB1 sa BB4 u kienu kotba ghat-tfal ta’ kull eta.

Il-hruq tal-kotba fisser li s-socjeta’ attrici ma setghatx tippartecipa f’fiera f’Ghawdex u s-socjeta’ attrici tilfet ukoll il-bejgh fil-*Christmas season*.

Fl-affidavit tieghu, Mark Anthony Vella a fol. 67 kkonferma x-xhieda ta’ martu. Huwa ezebixxa l-fatturi tal-kotba li kienu ezebiti fil-Kullegg San Gorg Preca bhala DOK MAV1 a fol 69 b’referenza ghal kotba f’Dok. BB1; DOK MAV2 a fol 145. b’referenza ghal kotba indikati f’DOK BB2; DOK MAV3 a fol. 253 b’referenza ghal kotba li jidhru f’Dok BB3 u Dok BB4.

Franco Debono a fol. 475, ghalliem u *librarian* fil-Junior Lyceum Hamrun, xehed illi fil-gurnata tat-23 ta’ Novembru 2010 huwa kien l-iskola bhas-soltu. Fis-2.30pm huma skolaw – ghalqu u sakkru l-iskola u marru d-dar. L-ghada meta dahal l-iskola, sar jaf mill-allievi li xi hadd haraq il-librerija. Kkonferma li fil-librerija kien hemm *book fair* tal-Wise Owl Publications.

Huwa kkonferma r-ritratti minn fol. 42 sa 55 DOK NVP 1 sa DOK NVP 14 li juri ritratti tal-hruq li sehh tal-kotba esebiti fil-fiera inkluz il-*cash register* . Debono xehed illi huwa ma inghatax lista tal-kotba li s-socjeta’ attrici gabu ghall-fiera u li waqt il-fiera, s-*sales representatives* tas-socjeta’ attrici kienu jkunu prezenti.

Apparti l-kotba tas-socjeta' attrici, inharqu il-*computers,* proprjeta' tal-iskola. Debono ma setghax jghid kemm kien hemm kotba fil-fiera tas-socjeta' attrici.

Ir-responsabilita' tal-fiera kienet fuq Natalie Vella u kien jkun hemm prezenti s-*sales persons* tas-socjeta' attrici li kienu jiehu hsieb tas-*sales* u tal-*cash register.*

A fol. 486, Daniela Zammit Teacher, Librarian fil-Kullegg San Gorg Preca Hamrun kkonfermat li fl-iskola f'Novembru 2010 kien hemm fiera tal-kotba organizzata mis-socjeta' attrici. Zammit ikkonfermat r-ritratti ezebiti fil-process. Ma setghatx tikkonferma jekk il-kaxxex tal-kotba kienux tal-iskola jew tas-socjeta' attrici. Hija xhedet illi kien hemm tlett mwejjed twal mimlija bil-kotba tas-socjeta' attrici pero' ma setghatx tikkwantifikhom.

In kontro-ezami Zammit xhedet illi mill-kotba li jinbieghu fil-fiera, l-iskola jkollha persentagg bejn 10% u 15% mid-dhul. I-regola kienet li l-ghalliem li johrog l-ahhar, jkun responsabbli biex jsakkar, cioe' jisakkru twieqi, jitfu d-dawl, jitfu l-iswitches u jsakkru l-bieb principali tal-librerija b'zewg dawriet tas-serratura (a fol. 490).

Mitluba tghid jekk s-socjeta' attrici kienitx taghti sales record ta' kull gurnata ta' bejgh fil-fiera, Zammit ma setghetx tirrispondi stante li dik kienet l-ewwel fiera taghha.

Clare Abela a fol. 493, Teacher u Librarian xehedet illi hija kienet tiehu jsieb l-attivitajiet tal-Librerija. Clare Abela xhedet li hija ma inghatatx lista tal-kotba li s-socjeta' attrici kienu gabu fl-iskola jew kemm il-kaxxa kotba gabu. Lanqas ma nghatat kopja tal-cash sales ta' kull gurnata tal-fiera. Mitluba tispjega l-kaxxex li dehru fir-ritratti, Abela spjegat illi l-kaxxex li fuqhom kien hemm in-numru 266 kienu kaxxex li jikkontjenu l-kotba tal-librerija tal-iskola San Gorg Preca. Il-kaxxex minghajr dan in-numru kienu jikkontjeni l-kotba tal-Wise Owl Publications.

Spettur Ramon Mercieca a fol. 500 et seq, xehed illi kien dahhal rapport ta' nirien li hakem librerija fl-iskola San Gorg Preca u ezebixxa rapport tal-pulizija Dok. RM1, u Dok. RM2. li hu kopja tal-Inkjesta Magisterjali.

Spettur Mercieca kkonferma r-ritratti ezebiti minn fol. 42 sa 55.

Mill-inkjesta jirrizulta illi persuni mhux maghrufa skalaw il-garage, telghu fuq il-perimeter wall u qalghu ix-xibka protettiva ta' tieqa fil-librerija. Hadu kotba mill-ixkafef tal-librerija (volumi ta' Encylopedia Brittania li ghandhom pagni rqaq hafna) poggewhom f'munzell u tawhom in-nar.

Jirrizulta illi tnejn minn tlett *watchman* kienu bil-*leave* u kien baqa' *watchman* wiehed. Jirrizulta ukoll illi l-*watchman* kien duty sas-6.00 am izda kien il-purtinar Alfred Farrugia li wasal fil-5.40 am li nduna mal-ewwel bil-foga u riha ta' hruq u ta l-allarm – vide fol. 514 u 515.

Elton Cardona rapprezentant ta' SE Solutions kkonferma l-*invoices* tal-*cash register* u l-fotokopja ta *cheque* u cioe' Dok SG1 u SG2 – Vide fol. 522A.

Dr. Michelline Sciberras, Direttur Generali ghas-Servizzi Edukattivi, a fol. 531 xhedet illi kienet rceviet r-rapport tan-nirien fl-iskola San Gorg Preca (Liceo) fil-24 t'Ottubru 2010 mill-Principal tal-Kullegg, Joseph Buttigieg u accediet fl-iskola immedjatament biex tassigura s-sigurta' tal-istudenti u l-haddiema tal-iskola u tinforma lill-Pulizija. Kkonfermat li saret Inkjesta Magisterjali.

Hija spjegat li f'uhud mill-iskejjel tal-Gvern kellhom is-servizzi ta' *watchman* waqt li ohrajn kienu mghammra b' *CCTV cameras*.

Sciberras kkonfermat li n-nirien kien rezultat ta' att vandalu li konsegwentement halla hsarat konsiderevoli kemm ghal rigward tal-kotba fil-librerija kif ukoll ghal computers tal-iskola.

Daniela Zammit fl-affidavit ulterjuri taghha a fol. 535, xhedet li kien hemm xi hames kaxxi li jappartienu lis-socjeta' rikorrenti fil-librerija li jidhru fuq in-naha tax-xellug fir-ritratt NVP14 izda li sa fejn taf hi ma kienx hemm aktar kaxxex bil-kotba tas-socjeta' attrici.

Clare Abela a fol. 537 xhedet illi kien hemm zewg fillieri ta' mwejjed (kull filliera kellha xi 4 mwejjed) bil-kotba tas-socjeta' attrici. Il-prezz tal-kotba kien ivarja minn €5 sa €20.

Illi l-kaxxex li fir-ritratti jidhru bin-numru 266, kienu jikkontjenu kotba tal-iskola u mhux kotba tas-socjeta' attrici.

Franco Debono fl-affidavit tieghu a fol. 538 kkonferma l-affidavit ta' Clare Abela.

In kontro-ezami Dr. Michelline Sciberras (a fol. 754 et seq.) murija l-konkluzzjoni ta' Profs Alfred Vella dwar il-kwalita' baxxa ta' sorveljanza tal-bini tal-iskola, xhedet illi hi ma kienitx taf b'dana r-rapport.

Ikkonfermat ukoll illi kien il-purtinar tal-iskola li ta l-allarm.

**Ikkonsidrat:**

Din il-kawza tirrigwarda talba ghal-rizarciment ta’ danni konsegwenti ghall-nirien li hakkmu l-librerija tal-iskola San Gorg Preca, Hamrun fil-24 ta’ Novembru 2010, f-liema librerija kien hemm wirja ta’ kotba tas-socjeta’ attrici.

Mill-provi jirrizulta ampjament illi fil-lejl bejn it-23 u t-24 ta’ Novembru 2010 verament sehhew nirien li hakkmu l-librerija tal-istess skola, li konsegwentement inharqu numru konsiderevoli ta’ kotba li kienu esposti fil-wirja. Jirrizulta sodisfacentament illi dan in-nar kien att vandalu.

Jirrizulta illi s-socjeta’ attrici ma kienet tat ebda inventarju jew lista ta’ kotba li hija gabet maghha fil-wirja, liema lista kellha tigi kontro iffirmata mill-librar. Lanqas ma gew esebiti xi *cash sales* li juru il-lista tal-kotba li gew mibjugha waqt il-fiera u qabel ma sehhew in-nirien.

Dak li trid tanalizza din il-Qorti huwa n-ness ta’ kawzalita’ bejn in-nirien u danni subiti u kemm-il darba jirrizultax negligenza da parti tal-intimati li jghati lok ghal akkordar tal-hsarat jekk dawn jigu pprovati.

L-ewwel eccezzjoni tal-intimat hija li hu mhuwiex il-legittimu kontradittur ai termini tal-Artikolu 181 B(1) tal-Kapitolu 12 izda kellu jkun il-Kap tad-Dipartiment koncernat.

Il-Qorti taghraf illi meta giet ntavolata il-kawza odjerna – cioe’ fl-1 ta’ Dicembru 2011, minkejja l-emendi tal-Artikolu 181B tal-Kapitolu 12, kien biss fl-1 t’Awwissu 2011 li giet mwaqqfa l-kariga ta’ Librara Nazzjonali – Vide Artikolu 6(2) tal-Kapitolu 511. Di piu’ din il-kariga giet reza operativa biss fit-8 ta’ Frar 2012 meta gie nominat persuna biex timla tali

kariga. Illi ghalhekk f'dawl ta' dana kollu u fid-dawl tad-decizjoni ta' din il-Qorti kif diversament preseduta li d-decizjoni dwar din l-eccezzjoni tinghata fis-sentenza finali, (Vide digriet tat-12 ta' Marzu 2012 a fol. 27.) il-Qorti tqis li din l-eccezzjoni ghandha tigi michuda.

Fil-meritu il-Qorti taghraf illi jkun opportun f'dan l-istadju li tacenna ghall-principju legali fl-isfond ta' responsabilita' o meno ghal danni u l-*istandard of care* rikjest – cioe dak ta' *bonus paterfamilias*.

**Ikkonsidrat:**

L-**Artikolu 1015** tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, jipprovdi:

> ***"Il-persuna li tindahal ghandha tuza fit-trigija ta' dik l-affari l-hsieb kollu ta' missier tajjeb tal-familja."***

Id-diligenza li wiehed ghandu juza fl-esekuzzjoni ta' l-obligazzjoni li jkun dahal ghalih, huwa indikat fl-**Artikolu 1032(1)** tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovdi:

> ***"Jitqies fi htija kull min bl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja."***

L-Artikolu **1132(1)** tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta, terga’ taghmel referenza ghall-Artikolu 1032(1) li jipprovdi:

> ***“Bla hsara ta’ kull disposizzjoni ohra ta’ dan il-Kodici dwar id-depoziti, id-diligenza li wiehed ghandu juza fl-esekuzzjoni ta’ kull obligazzjoni, sew jekk din ikollha bi hsieb il-gid biss ta’ wahda mill-partijiet sew jekk tal-parti l-wahda u l-ohra, hija, f’kull kaz, dik ta’ missier tajjeb tal-familja, kif hemm provdut fl-artikolu 1032.”***

**Ikonsidrat:**

Fil-kaz in ezami jirrizulta sodisfacentement pprovat illi kienet s-socjeta’ attrici illi ghazlet il-*venue* ghall-fiera tal-kotba – cioe, il-librerija tal-Kullegg San Gorg Preca il-Hamrun u dan jirrizulta sodisfacentement ippruvat minn diversi ghalliema li ikkonfermaw li kienet Nathalie Anne Vella Portelli illi organizzat din il-fiera.

Jirrizulta ukoll illi s-socjeta’ attrici ma hallset ebda mizata ghal tali fiera lill-intimat, ghalkemm jidher illi kien mifhum li jinghata persentagg zghir mill-qliegh **jekk** dan jirrizulta.

Jirrizulta sodisfacentement ippruvat illi s-socjeta' attrici ma hassitx n-neccesita' illi tkopri l-kotba li kienu esposti fil-fiera b' polza t'assigurazzjoni apposita, ghalkemm jidher li hija kellha polza ta' assikurazzjoni li tkopri l-ufficini taghha.

Lanqas ma jirrizulta illi kien hemm xi tip ta' ftehim bil-miktub dwar din il-fiera li jirregola d-drittijiet tal-kontendenti.

Illi fid-dawl ta' dana kollu jinkombi fuq s-socjeta' attrici li tipprova dolo jew culpa da parti tal-intimat u ness bejn din in-negligenza u l-hsarat subiti.

Skond il-gurisprudenza nostrana, l-intimat hu tenut jagixxi bhala *bonus paterfamilias* fit-tmexxija tal-iskola u indukrar tal-bini tal-istess.

Artikoli 1031 u 1032 tal-Kapitolu 16 jistipolaw:

***"1031. Iżda, kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu.***

***1032. (1) Jitqies fi ħtija kull min bl-egħmil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja.***

***(2) Ħadd ma jwieġeb, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal-liġi, għall-ħsara li tiġri minħabba nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb fi grad akbar."***

Di piu, artiklu 1033 tal-Kap 16 jipprovdi illi:

***"Kull min, bil-hsieb jew minghajr hsieb li jghamel deni ghax ikun irid jew b'nuqqas ta' diligenza, ta' prudenza jew ta' hsieb, jghamel jew jonqos li jghamel xi haga li biha jikser xi dmir impost mill-Ligi, hu obbligat ghall-hlas tal-hsara li tigri minhabba f'hekk."***

Jirrizulta mill-provi illi l-intimat ha hsieb li l-kotba jitqieghdu f'post li jissakkar – cioe' il-librerija tal-iskola, skola li kienet mghammra b'*CCTV cameras* fl-entratura tal-iskola, skola li kellha s-servizz ta' *watchman*.

Jirrizulta mix-xhieda tal-ghalliema Franco Debono, Clare Abela u Daniela Zammit illi wara l-hinijiet tal-iskola, t-twieqi u l-bibien kienu jissakkru, d-dwal jintefghu inkluz l-*iswitches* u l-bieb principali jissakkar. Jirrizulta ukoll illi mat-twieqi kien hemm xibka tal-hadid.

Mill-inkjesta mbaghad **ma jirrizultax** illi il-Pulizija sabet li kienet thalliet xi apertura miftuha bi svista.

Is-socjeta' rikorrenti tishaq fuq in-negligenza da parti tal-intimat ghar-rigward il-*watchman* li kien on duty fil-lejl ta' 23/24 ta' Novembru 2010. Mill-provi jirrizulta illi l-*watchman* Raymond D'Amato li kien *duty* sas-6.00am, sema' xi hsejjes matul il-lejl u ghamel ir-ronda u ma sab xejn rregolari. Jirrizulta ukoll illi kien **biss** il-purtinar li ntebah bin-nirien fil-5.40am.

Illi jirrizulta illi l-intimat kien tenut illi jiehu hsieb il-kotba fil-librerija San Gorg Preca bhall li kieku kienu tieghu u l-istandard of care huwa dak ta bonus paterfamilias. Illi s-socjeta'

rikorrenti naqset illi tipprova illi l-intimat kien tenut bil-ligi ghal diligenza fi grad akbar. Infatti is-socjeta' attrici **naqset b'mod lampanti** li tipprova li kien giet mifthiem espressament illi l-intimat kellu jwiegeb ghal kull xorta ta' negligenza.

Din il-Qorti taghraf illi fic-cirkostanzi migjuba a konjizzjoni taghha, l-intimat ghamel dak kollu mistenni lilu bhala bonus paterfamilias biex jindokra l-iskola u l-hwejjeg kollha kontenuti fl-ambjent tal-iskola kemm ghal dak illi japplika ghall-sokor, kif ukoll ghal servizzi ta' watchman u ta' *CCTV cameras*.

Il-kaz in ezami jirrigwardja hruq doluz, fi skola pjuttost kbira, fejn, sakemm watchman iwettaq ir-ronda shiha, facilment jista' isehh att doluz f'parti opposta.

Is-socjeta' attrici ssostni di piu' illi "mal-konsenja, il-kotba tas-socjeta' rikorrenti ghaddew fir-riskju u l-periklu tal-intimat – (Artikolu 1126 tal-Kapitolu 16)" – Vide nota ta' osservazzjonijiet tas-socjeta' rikorrenti a Fol 766.

Artikolu 1126 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi:

> ***1126. (1) Fl-obbligazzjoni li biha wieħed jintrabat li jagħti ħaġa tidħol l-obbligazzjoni li jikkunsinna l-ħaġa, u li jikkonservaha sal-kunsinna.***

***(2) Jekk id-debitur ikun in mora fil-kunsinna tal-ħaġa, il-ħaġa tibqa' għar-riskju u periklu tiegħu, għalkemm qabel il-mora kienet ghar-riskju u periklu tal-kreditur.***

Il-Qorti wara li fliet bir-reqqa x-xhieda prodotta, b'ebda mod ma tista' takkolji dan l-argument u tqis li hu wiehed insostenibbli. Dan qieghed jinghad 'l ghaliex l-intimat ma jwiegeb qatt ghall-accidenti li jigru b'forza magguri hlief jekk ikun gie mqieghed in mora ghar-radd tal-haga depozitata; lanqas ma jwiegeb f'dan l-ahhar kaz, jekk il-haga kienet tispicca xorta wahda li kieku kienet tinstab ghand id-depozitant. Di piu' irid jinghad li l-kotba li kienu gew esposti fil-fiera kienu ghall-bejgh ghall-allievi tal-istess skola, kienu ghadhom ma nbieghux u qatt ma kienu ser jigu mixtrija mill-iskola.

Ir-riskju fil-kaz in ezami dejjem kien u baqa f'idejn is-socjeta' attrici.

Di piu, ghal rigward tal-kwantum tal-hsarat, din il-Qorti tgharaf li s-socjeta' attrici naqset illi tipprova illi l-lista tal-kotba kollha li jidhru fid-dokumenti BB 1 sa BB 1 kienu attwalment esposti fil-fiera fil-hin tan-nirien. Dan qed jinghad il-ghaliex is-socjeta' attrici ma ressqet ebda prova tal-kotba li attwalment gew mibjuha waqt il-fiera. Ebda *cash sale* jew rendikont tal-bejgh ma giet esebita mis-socjeta' attrici.

Illi di piu, in-numru konsiderevoli ta' invoices esebiti mis-socjeta' attrici, jirrizulta illi **mill-inqas mitejn (200) ktieb kienu destinati ghas-swieq barra minn Malta – Vide Invoice Number 26557 a fol 107**. Di piu, hemm prova inkontrovertibbli illi l-kaxxex immarkati bin-numru 266 kontinenti kotba stivati li jidhru mir-ritratti NVP1 sa NVP6 – Vide fol 42 sa 47,

**kienu in effett kotba tal-Kullegg San Gorg Preca** u mhux kotba tas-socjeta’ attrici – Vide affidavits ta’ Clare Abela Fol 537.

In oltre, is-socjeta’ attrici ma ghamlet ebda prova ta’ telf ta’ profitti futuri, kemm ghal dak li jirrigwardja il-fiera fl-iskola f’Ghawdex u kif ukoll ghall-*Christmas Season.*

Illi ghal dawn il-mottivi l-Qorti tichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimat, tilqa t-tieni, t-tielet u raba eccezzjoni tal-intimat u tichad t-talbiet attrici.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta attrici.

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------